Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-11 ta' Gunju 2024**

**Kump. Nru. 487/2020**

**Il-Pulizija**
**(Supt. Priscilla Caruana Lee)**

**Versus**

**Clyde Bonavia**
**(410684M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Clyde Bonavia,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 410684M.

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin f'hinijiet differenti fil-gzejjer Maltin, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ai termini tal-artikolu 18 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli bejn il-15 ta' Settembru 2020 u l-21 ta' Settembru 2020, gewwa 70A, Triq Zekka, il-Belt Valletta u f'dawn il-gzejjer :

1. Minghajr kunsens, ikkommetta kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-gisem u/jew oggett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali ta' gisem ta' persuna ohra, u cioe' lil Claudia Mallia, liema delitt sar ripetutament u dan bi ksur tal-artikolu 198 u 202(h)(v), (h)(j) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqiegħed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Claudia Mallia u dan bi ksur tal-artiklu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Claudia Mallia, kontra l-volonta' taghha jew ta post biex fih din il-persuna u cioe' Claudia Mallia tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, u dan bi ksur tal-artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Talli zamm gewwa r-residenza 70A, Triq Zekka, il-Belt Valletta, jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni arma tan-nar u munizzjon minghajr il-licenzja jew il-permess tal-Kummissarju u dan bi ksur tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 580 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Filwaqt li ghamel reat kontra l-persuna ta' Claudia Mallia kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti bi ksur tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Ikkaguna lil Claudia Mallia u Joseph Bonello biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti u ahwa subien jew bniet, meta jmissu kien jaf li l-imgieba tieghu kienet sr tikkagunalu biza' u dan bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komuikazzjoni elettronika, hedded lil Joseph Bonello li jaghmel xi reat u/jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih u dan ai termini tal-artikolu 49(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Claudia Mallia u Joseph Bonello u dan ai termini tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorti jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-artiklu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fil-21 ta' Settembru 2020 bejn l-16:15hrs u s-19:00hrs gewwa 70A, Triq Zekka, il-Belt Valletta kif ukoll gewwa l-GHQ lock up, Furjana u l- isptar Mater Dei, l-Imsida u f'dawn il-Gzejjer :

10. Ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq PS 39 Jean Paul Zahra u PS601 Justin Spiteri inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu

jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. M'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, jew ma halliex jew fixkel waqt il-qadi ta' dmirijiethom jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew seta' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skont il-ligi, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

12. U aktar talli kkommetta reat wara li nghata sentenza mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. J. Mifsud LL.D. nhar il-11 ta' Jannar 2019, li fih gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti hija mitluba sabiex titratta lill-imputat bhala ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidhrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta' ta' Claudia Mallia u Joseph Bonello jew biex tinzamm l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza u dan bi ksur tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat l-Artikoli pprezentati mill-Avukat Generali fis-17 t'Ottubru 2022 (*a fol.* 264 ta' l-atti processwali).

Rat illi waqt l-udjenza tas-7 ta' Dicembru 2023, l-imputat wiegeb li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u tal-imputat Clyde Bonavia, prezentat fid-9 ta' Mejju 2024 ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali fejn iddikjaraw illi qieghdin jaqblu u jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tieghu, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun dik ta' sitt (6) snin u sitt (6) xhur prigunerija effettiva u multa ta' mitejn Ewro (€200) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra tassattiva ghad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2024 l-imputat Clyde Bonavia irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Rat illi il-partijiet irrimettew ruhhom ghal dak li hemm fir-rikors kongunt.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 17, 18, 31, 49, 50, 86, 95, 99A, 198(1)(3), 202(h)(v)(j), 206, 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(d)(2), 251B(1)(2), 338(ee) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 kif ukoll Artikolu 5(1), 6,

51(2)(7)(9) u 55(a) tal-Kapitolu 480, kif ukoll Artikolu 49(a)(c) tal-Kapitolu 399 u Artikolu 23(1)(a)(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Clyde Bonavia hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u qed **tikkundannah ghal sitt (6) snin u sitt (6) xhur prigunerija effettiva, kif ukoll ghall-hlas ta' multa ghas-somma ta' tmien mitt Euro (€800).**

Ai termini ta' l-**Artikoli 23 tal-Kapitolu 9** kif ukoll **Artikolu 56 u 57 tal-Kapitolu 480** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna il-konfiska tal-*Corpus Delicti* u cioe', mobile phone mmarkat AMG 3 (*a fol. 68*) u l-arma tan-nar mmarkata AMGX 2 u munizzjon (*a fol. 125*), u tipprojbixxi lill-hati Clyde Bonavia milli jkollu xi licenzja ai termini tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' hames (5) snin li jibdew jghoddu mill-gurnata illi l-hati jkun skonta is-sentenza tieghu.

Inoltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lill-hati **Clyde Bonavia b'Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **hames (5) snin** millum ghall-**protezzjoni ta' Claudia Mallia**. Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 533 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti **qed tordna lill-hati Clyde Bonavia sabiex ihallas l-ammont ta' elf tlett mija u tlett Euro u sebgha u tmenin centezmu (€1,303.87)** bhala spejjez relatati ma' Esperti mahtura fil-kawza odjerna.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**